FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Gabriel Micallef

vs

Anthony Muscat
Noel Falzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 30991M u 28289M rispettivament akkuzata talli:

1. f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Settembru 2010 ghal habta tad-disa' neqsin kwart ta' filghaxija (8.45pm) gewwa San Pawl il-Bahar, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gary Dennis Cooper skond ma gie iccertifikat minn Dr Samntha Saliba MD reg 5197 tal-isptar Mater Dei;
2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq Michelle Cooper skond ma giet iccertifikata minn Dr M. Grech MD reg 2565 tal-isptar Mater Dei;
3. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Anthony Muscat wahdu bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta .

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anka meta l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw; hlief ghal-ewwel li giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarahom hatja.

Rat l-Artikoli 216, 221, 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Noel Falzon: tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Anthony Muscat: bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat